## Artisti li sebbħu l-knejjes tagħna (5)

# Artisti li mxew wara Carav

**Rev Dr. Jonathan Farrugia**

Fl-1607 l-artist Taljan Michelangelo Merisi, magħruf bħala Caravaggio minħabba li kien ġej minn dik il-belt, wasal Malta u dam hawn ftit aktar minn sena. Hawn kellu jħalli numru ta' xogħlijiet li, l-aqwa fosthom, probabbilment l-aqwa kwadru li ħareġ minn taħt idejh, huwa Il-Martirju ta' San Ġwann li, sal-lum, għadu jiġbed mijiet ta' eluf ta' turisti u studjużi tal-arti lejn l-Oratorju anness mal-Konkatidral fil-Belt Valletta.

Dawk il-ftit xhur li dam Malta kellhom iħallu effett fuq l-artisti kollha li ħadmu fi gżiritna matul is-seklu sbatax. Ħadd minnhom, naturalment, ma baqa' magħruf daqs Caravaggio għalkemm, uħud minnhom, kienu verament artisti ta' stoffa; u, f'din il-ħarġa, se nagħtu daqqa t'għajn lejn il-pitturi tagħhom li għadna nistgħu ngawdu.



Il-Miġja lura mill-Eġittu

**Giovanni Giulio Cassarino**

Għal ħafna sekli dan l-artist kien minsi u, minn nofs is-seklu li għadda, kien biss isem marbut ma' numru ta' kwadri attribwiti lilu. Studju li sar fil-bidu tas-seklu 21 minn Simon Mercieca tana diversi dettalji dwar ħajtu: twieled f'Avola fl-1588 u, sal-1614, kien ġie Malta bħala armel, dik is-sena żżewweġ mara Maltija u mar jgħix il-Belt fil-parroċċa ta' San Pawl sa mewtu fl-1637.

Numru ta' pitturi tiegħu huma kopji ta' xogħlijiet ta' Caravaggio (uħud minnhom mitlufin). Fost dawn nistgħu nsemmu pittura li llum tinsab il-Mużew Wignacourt li turi lil Marija Maddalena li hija kopja ta' oħra, illum mitlufa, li kienet tinsab faċċata tal-pittura ta' San Ġlormu fil-kappella tal-Italja fil-Konkatidral.



L-Anġlu Kustodju

Minn studji li saru fuq numru ta' kwadri li jsegwu l-istil ta' Caravaggio, tlieta minnhom, li jinsabu fi knejjes fil-Belt, għandhom il-firma ta' dan l-artist. Fost dawn, skont numru ta' studjużi tal-arti, l-aqwa wieħed fosthom huwa San Sebastjan qed jiġi mdewwi minn Irene fejn l-effett tal-chiaroscuro jista' jiġi apprezzat l-aktar fil-figura tal-qaddis u tal-mara li qegħda ddewwih.

F'dil-pittura naraw l-arma ta' Fra Pedro Urrea Camarasa li kien il-Gran Prijur tal-Ordni bejn l-1601 u l-1624, li jfisser li l-pittura saret f'dak iż-żmien. Tajjeb niftakru wkoll li, fl-1623 kien hemm epidemija qasira tal-pesta fil-Belt u, ladarba San Sebastjan huwa protettur kontra l-pesta, jista' jkun li din saret bħala ex voto meta l-imxija spiċċat.

Dettall kurjuż li fih dan il-kwadru jikkonsisti f'kamra tawwalija li tidher fuq il-lemin; din tfakkar fi sptar u jista' jkun li hija interpretazzjoni artistika tas-sacra infermeria tal-Ordni fejn il-Kavallieri kienu jdewwu l-morda kif Irene tidher qed iddewwi lil Sebastjan.

Iż-żewġ pitturi l-oħrajn fil-Belt li huma tiegħu huma dak ta' Santa Tereża ta' Avila fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu, u dak ta' San Mawru qed ifejjaq tifel marid fil-knisja ċkejkna tal-Madonna ta' Liesse.

**Mario Minniti**

Artist minn Siracusa li kellu xi rabtiet mal-Ordni ta' San Ġwann u li kien attiv f'Malta tul is-seklu 17 huwa Mario Minniti (1577-1640). Hija l-opinjoni ta' numru ta' studjużi tal-istorja tal-arti li hawn kellu xi kummissjonijiet, probabbilment minn Kavallieri, iżda minn dawn ftit jistgħu jiġu aċċertati bħala tiegħu.

L-aktar kwadru li fih elementi li joqorbu lejn l-istil ta' Caravaggio huwa l-Ecce Homo li llum jinsab fil-mużew tal-Katidral tal-Imdina. Fiha jidhru tliet figuri: Kristu inkurunat bix-xewk b'idejh marbutin iżomm qasba u liebes mant aħmar, b'sidru mikxuf u b'rasu baxxuta, u żewġ figuri ta' rġiel oħra warajh, wieħed anzjan, identifikat bħala Pilatu għax qed jipponta lejn wiċċ Kristu u qed iħares lejh, u l-ieħor, iżgħar fl-età, liebes elmu tal-ħadid, qed iħares 'il barra mill-pittura b'ħalqu miftuħ u qed itella' l-mant fuq spallet Kristu.

F'dal-kwadru nsibu numru ta' dettalji kurjużi: Kristu ma jidhirx li rċieva swat għax fuq ġismu ma hemmx marki ta' daqqiet u m'hemmx ħjiel ta' demm, waqt li fuq l-elmu tas-suldat hemm il-firma tal-artist u s-sena 1625. Mhux magħruf dan il-kwadru għal xiex sar eżattament, imma l-1625 kienet is-sena meta l-isqof Baldassare Cagliares bena xi kmamar annesi mal-Katidral l-antik. Għaldaqstant jista' jkun li din saret għal hemm. L-effett tal-chiaroscuro huwa wkoll evidenti, fejn il-figura ta' Kristu hi l-aktar waħda mdawla, waqt li l-figuri l-oħrajn huma aktar fid-dlam.

Kwadru ieħor tal-istess artist jinsab fil-knisja annessa mal-monasteru klawstrali ta' Sant'Ursola fil-Belt, u din turi l-Magħmudija ta' Kristu. Hawn Minniti jitbiegħed mill-istil ta' Caravaggio u dan probabbli jagħmlu l-aktar xogħol importanti tiegħu – apparti milli l-akbar wieħed fid-daqs – f'Malta. Ma fihx dati imma probabbilment sar ftit wara l-1630 meta kienet qegħda tinbena mill-ġdid il-knisja tal-monasteru.

**Pietro Novelli**

Artist ieħor minn Sqallija li rċieva xi kummissjonijiet minn Malta minn persunaġġi marbuta mal-Ordni, li wisq probabbli qatt ma ġie Malta, imma li ħalla pittura mill-ifjen, huwa Pietro Novelli (1603-1647). Minn tiegħu għad għandna żgur pittura b'tema mhux mill-aktar popolari: Il-fejqan ta' missier Publju li tinsab fil-knisja ta' Santa Marija

# vaggio

ta' Ġesù fil-Belt. Fuqha ġġib il-firma u s-sena 1622.

Ix-xena hija kemxejn iffullata u, fiċ-ċentru, jidhru Pawlu u missier Publju. L-anzjan marid jinsab taħt il-friex bilqiegħda fuq soddtu qed ibaxxi rasu u jbus id Pawlu; l-appostlu, liebes ilbies ta' kulur aktar skur milli mdorrijin narawh, jidher bilqiegħda ħdejn l-anzjan qed jgħannqu waqt li jħares lejn is-smewwiet. Il-qasba li għandu f'idejh u l-libsa qasira, li tikxef riġlejh ħajfin, qishom jagħtuh id-dehra ta' xi monaku jew pellegrin.

Il-persunaġġi l-oħrajn jinsabu mdawrin ma' dawn iż-żewġ figuri ċentrali; l-aktar tnejn prominenti fosthom – suldat u Luqa l-evanġelista – qegħdin jagħtu daharhom lil min qed iħares. Fl-isfond jidhru żewġ persunaġġi oħra qegħdin iħarsu. Il-figura l-aktar imdawla hija dik tal-anzjan li huwa r-reċipjent tal-miraklu tal-fejqan, waqt li d-dettalji mikxufa ta' ġisem Pawlu – wiċċu, idu x-xellugija u riġlu l-lemini – huma wkoll imdawlin. L-effett maħluq mill-id tajba tal-artist iżżid mad-drammatiċità tal-mument.

**Żewġ pitturi fil-knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt**

Fil-knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt, li fiha bħalissa qed isir xogħol estensiv ta' restawr tant meħtieġ biex hi u t-teżori artistiċi li fiha ma jintilfux, insibu numru ta' pitturi mill-ifjen. Tnejn minnhom li ġejjin minn din l-epoka huma xogħol żewġ segwaċi ta' Caravaggio: il-Ħarba lejn l-Eġittu u l-Anġlu kustodju. L-ewwel waħda


San Sebastjan imdewwi minn Irene

hija ta' Giovanni Battista Caracciolo (1578-1635) li kien jaf lil Caravaggio personalment qabel ma dan tal-aħħar ġie Malta.

Il-pittura tinsab fil-kappella ta' San Ġużepp li, skont att notarili tal-1625, kienet ir-responsabbiltà ta' ċerta Paolina di Napoli biex tieħu ħsiebha u ssebbaħha; dan ifisser li l-pittura saret wara din is-sena u, minn notament dwar kapparra li ngħatat lill-artist, l-istudjużi waslu għall-1626.

Il-pittura turi lill-Familja Mqaddsa, immexxija minn Ġużeppi li qed juri t-triq, miexja lura lejn Nazaret wara snin fl-Eġittu; fuqhom jidhru l-Missier etern mgħolli 'l fuq mill-anġli u l-Ispirtu qaddis. L-importanza ta' San Ġużepp hija evidenzjata mill-fatt li dan għandu l-istess wiċċ bħall-Missier etern. Il-chiaroscuro jagħti togħma aktar dinamika lill-kompożizzjoni.


Il-qtugħ ir-ras ta' Santa Katarina VM (Ħajr: Mużew Parrokkjali, iż-Żejtun)

Il-pittura l-oħra li għandha xi effetti stilistiċi simili u tinsab fl-istess knisja hija dik li tinsab fil-kappella tal-Anġlu Kustodju, li ġiet iffundata fl-1627 u li kellha bħala patruni lil Mariano u Mariana Sueyda. Dettall interessanti huwa li d-devozzjoni lejn l-anġli kustodji kienet għadha fil-bidu tagħha f'Malta meta twaqqfet din il-kappella.

L-istil isegwi l-gosti tal-iskola Naplitana tal-bidu tas-seklu sbatax u llum il-kwadru huwa attribwit lill-artist mill-Flandri, Hendrick Van Somer (c.1607-1684), li kien attiv f'Napli mill-1624 'il quddiem. Il-pittura tal-anġlu kustodju probabbilment ġejja minn madwar 10 snin wara; fiha l-anġlu, raffigurat bħala żagħżugħ sabiħ bil-ġwienaħ u bi ħwejjeġ imtajra, li jfakkru fil-barokk, qiegħed imexxi tifel żgħir matul mogħdija mserrpa li tirrappreżenta l-ħajja. L-effett tal-chiaroscuro nsibuh hawn ukoll, u dan jagħmel il-figuri mdawla tal-anġlu u t-tifel aktar evidenti mill-isfond skur.

**Każ partikulari ta' kapulavur fiż-Żejtun**

Nagħlqu din l-espożizzjoni bi kwadru kemxejn misterjuż: il-Martirju ta' Santa Katarina li għamel numru ta' snin bħala l-kwadru titulari tal-knisja parrokkjali l-antika taż-Żejtun. Għal xi snin dan kien attribwit lil Cassarino imma, minn studji li saru fuqu meta ġie restawrat f'Firenze, irriżulta li hemm aktar minn id waħda li ħadmet fih.

Hemm min isostni li l-iskizz oriġinali seta' sar minn Caravaggio nnifsu u kellu jirrappreżenta l-martirju ta' San Ġwann, imbagħad artisti oħra li ħadmu fuqu xi snin wara, tawh id-dehra li għandu llum. Il-kompożizzjoni sħiħa tfakkar f'pittura li Caravaggio għamel għall-katidral ta' Siracusa li juri d-Difna ta' Santa Luċija li tpittret inqas minn sena wara li dan ħarab minn Malta.

Il-pittura taż-Żejtun ġiet regalata lill-knisja bħala ex voto minn Fra Filippo de Castellit li mexxa l-Kavallieri kontra t-Torok li attakkaw l-inħawi taż-Żejtun fl-1614, u tissemma għall-ewwel darba bħala l-kwadru titulari fil-viżta pastorali tas-sena ta' wara. Aktar milli l-ġrajja tal-martirju tal-qaddisa, id-dettall l-aktar interessanti jinsab f'rokna tal-kwadru fejn tidher mappa tax-Xlokk ta' Malta fejn jidhru l-Port il-Kbir, il-fortifikazzjonijiet tal-Birgu u tal-Isla flimkien max-xtajtiet ta' Marsaskala u San Tumas, bl-armata tat-Torok miexja lejn iż-Żejtun.

Illum huwa aċċertat li din il-mappa, flimkien mal-iskrizzjoni li titkellem dwar id-donazzjoni tal-pittura lill-parroċċa u l-arma ta' de Castellit huma żidiet li saru aktar tard; dan ifisser li l-kwadru sar qabel l-1614. Jista' jkun li kien ta' de Castellit, li mbagħad żied dawn id-dettalji u tah lill-parroċċa.

L-artist jibqa' misteru u llum hemm qbil li dan huwa xogħol ta' numru ta' artisti; l-aħjar biċċiet, fosthom l-espressjonijiet tan-nies fl-isfond, huma attribwiti lil Minniti, xi partijiet oħra, speċjalment il-katavru tal-qaddisa u l-bojja, huma attribwiti lil Cassarino; il-partijiet l-oħrajn huma xogħol ħaddieħor.

Li huwa żgur hu li, b'xi mod jew ieħor, kull min ta sehmu f'din il-kompożizzjoni kien midħla tal-istil ta' Caravaggio fil-pitturi tiegħu li juru xeni ta' mewt vjolenti, kif ukoll fil-logħob tiegħu tad-dawl u d-dlam biex iżid mad-drammatiċità tal-episodju.

*Id-dettalji storiċi ġenerali ħadthom mill-ktieb tal-Professur Mario Buhagiar* ***The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900****, filwaqt li d-dettalji fuq il-pitturi u l-artisti ġibthom minn studji tal-istess Buhagiar, tal-Professur Keith Sciberras u tal-Professur Simon Mercieca miġbura fil-* ***ktieb Caravaggio and paintings of realism in Malta****, editjat minn Keith Sciberras u Cynthia De Giorgio (2007).*

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

**Dawn il-paġni huma megħjuna mill-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura**